MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 266/2005

**Avukat Dottor Peter FENECH għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' estera The Timberland Company**

**vs**

**Avukat Dottor Mark BUSUTTIL u l-P.L. Liliana Buħaġiar li b'Degriet tal-14 ta' April, 2005, ġew nominati Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil S.A.E.L. Mefa Sporting Import**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-16 ta' Marzu, 2005, li bih l-attur *nomine* ippremetta;

Illi huwa l-proprjetarju tad-drittijiet reġistrati bħala *trademarks* ma' l-Uffiċċju tal-Proprjeta' Industrijali ta' Malta msejħa '*Timberland*' u '*Tree Logo*', liema drittijiet

ġew reġistrati l-ewwel darba fit-12 ta' Mejju 1997, mogħti n-numru tar-reġistrazzjoni 27074 u 27075 rispettivament (Dok TC1 u TC2);

Illi fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa (2005) ġewwa l-Port Ħieles, Marsaxlokk, Malta daħal container bin-numru ECMU 1018320 fuq il-vapur CMA-CGM NEPTUNE liema container kien fih erba' mija u tmienja u sittin (468) par żarbun kollha tal-marka 'Timberland', li l-attur nomine kien issuspetta li kienu foloz;

Illi mill-kampjun li ttieħed mill-attur *nomine* jirriżulta li ż-żraben kienu ġew manifatturati u esportati mingħajr l-awtorizżazzjoni ta' The Timberland Company, u li l-imsemmija *trademarks* ta' The Timberland Company riprodotti kienu foloz (Dok TC 3);

Illi l-attur *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija suspettata ġewwa Malta (Dok TC 4) sabiex a tenur ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 414 tal-Liġijiet ta' Malta huwa jipproċedi ċivilment għal deċiżjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Illi din il-merkanzija inqabdet mill-Port Ħieles ta' Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa S.A.E.L. Mefa Sporting Import, dan skond dak ċitat fil-Bill of Lading No. GGZ054640 (Dok TC 5);

Għaldaqstant l-attur *nomine* talab lil din il-Qorti, għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konsenja ta' żraben tal-marki '*Timberland*' u '*Tree Logo*' misjuba fil-container numru ECMU 1018320 li wasal fil-Port Ħieles, Marsaxlokk fuq il-vapur CMA CGM Neptune, huma foloz, u dan okkorrendo bin-nomina ta' esperti nominati għal dan il-fini;

2. Tiddikjara li l-manufatturar u l-produzzjoni ta' dawn iż-żraben minn terzi persuni mhux magħrufa, jilledi d-drittijiet ta' l-attur *nomine* bħala proprjetarju reġistrat, skond il-Liġi, tal-marki '*Timberland*' u '*Tree Logo*'.

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u l-Pulizija Eżekuttiva jew min minnhom sabiex fil-preżenza ta' l-attur *nomine* jew rappreżentanti tiegħu, jiddistruġġu a spejjeż tal-konvenuti ż-żraben foloz fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa l-Qorti.

Bl-ispejjeż, kompriżi interessi fuq id-depożitu neċessarju sabiex il-merkanzija inżammet Malta mill-Kontrollur tad-Dwana, l-ispejjeż sabiex il-container u l-merkanzija jinżammew mill-istess Dipartiment tad-Dwana, l-ispejjeż dovuti in konnessjoni ma' l-eliminazzjoni tal-merkanzija falza kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur *nomine*, flimkien mal-ħames (5) dokument mehmużin magħha;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-Kuraturi Deputati fis-6 ta' Mejju, 2005, li biha eċċepew;

1. Illi m'humiex edotti mill-fatti w għalhekk qed jirriżervaw li jippreżentaw l-eċċezzjonijiet f'stadju ulterjuri;

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Kuraturi Deputati;

Rat ix-xhieda mressqa mill-kumpannija attriċi bil-mezz tal-affidavit;

Semgħet lill-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din il-kawża, il-kumpannija attriċi qegħda titlob li jiġi dikjarat li kunsinna ta' żraben li ddaħħlet f'Malta kienet falza u għalhekk qegħda titlob il-qerda tagħha;

Illi l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li tipprovdi l-liġi fl-Att tal-2000 dwar id-Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali (Miżuri Intrakonfini)[1], b'mod partikolari l-artikolu 8 tal-istess Att;

Illi mill-provi dokumentali mressqa mill-attur *nomine* jirriżulta li, sa minn Mejju tal-1997[2], il-kumpannija attriċi kienet is-sid reġistrat f'Malta ta' *Trademark* relattiv għal żraben, ħwejjeġ tal-ilbies magħdud xidd ir-ras u ingwanti bl-isem '*Timberlake*". B'żieda mal-imsemmija Marka tal-kummerċ, fl-istess żmien[3], l-istess kumpannija attriċi kienet irreġistrat f'Malta *trademark* ieħor għall-prodotti bix-xbieha "*Tree Logo*" dwar l-istess għamla ta' merkanzija, flimkien mat-tikketti jew marki distintivi dwarhom;

Illi jirriżulta li nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Jannar 2005, id-Dipartiment tad-Dwana żamm ir-rilaxx tal-oġġetti mertu ta' din il-kawża waqt spezzjoni li kienet qegħda ssir, u għarraf minnufih lill-attur *nomine* b'dik is-sejba[4]. Jidher li d-ditta mħarrka kienet id-destinatarja tal-oġġetti miżmuma[5];

Illi minnufih, l-attur *nomine* talab lill-Kontrollur tad-Dwana jżomm ir-rilaxx tal-imsemmi *container*[6]. Il-Kontrollur laqa' t-talba wara li ntwera d-dokumentazzjoni meħtieġa mill-kumpannija attriċi dwar il-jeddijiet tagħha u l-interess tagħha li tressaq l-ilment dwar il-konsenja miżmuma;

Illi, minbarra dan, l-attur *nomine* ikkomunika mal-kumpannija attriċi li fissritlu f'liema aspett l-oġġetti miżmuma kienu jidhru li ma kinux prodotti ġenwini tagħha, u dan f'rapport dettaljat imħejji minn ditta fir-Renju Unit[7] dwar kampjun żraben li kien jagħmel parti mill-kunsinna sħiħa ta' erba' mija u tmienja u sittin (468) par żarbun, li

---

[1] Kap 414 tal-Liġijiet ta' Malta
[2] Trademark Nru. 27074, Dok "TC1", f'paġ. 5 tal-proċess
[3] Trademark Nru. 27075, Dok "TC2", f'paġ. 6 tal-proċess
[4] Affidavit ta' George Scerri 06.06.2005, f'paġġ 48-9 tal-proċess
[5] Polza ta' tagħbija Dok "TC5" f'paġ. 9 tal-proċess
[6] Dok "TC4", f'paġ. 8 tal-proċess
[7] Dok "TC3", f'paġ. 7 tal-proċess

fil-polza ta' tagħbija ġie msemmi li kellhom ikunu ħwejjeġ tal-ilbies għat-tfal;

Illi jirriżulta li l-imsemmija kunsinna waslet fil-Port Ħieles ta' Malta, fit-22 ta' Jannar, 2005, ġimgħa qabel inżammet mill-Kontrollur, ġo *container* ECMU 1018320 abbord il-bastiment *CMA CGM Neptune*. Dan il-bastiment baħħar minn port fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina fil-31 ta' Diċembru, 2004, u kellu jtemm il-vjaġġ fil-Port ta' Alġier, fl-Alġerija;

Illi l-merkanzija mertu tal-kawża qegħda tinżamm mill-Kontrollur tad-Dwana f'maħżen taħt il-kontroll tiegħu;

Illi meta jitqiesu l-fatti fuq imsemmija ma' dak li tipprovdi l-liġi, jinstiltu l-konklużjonijiet li ġejjin:

a) il-kumpannija attriċi hija detentriċi ta' dritt li għalih japplika l-Att VIII tal-2000, u dan kif imfisser fl-artikolu 2 tiegħu;

b) illi l-oġġetti mniżżla l-art f'Malta ma kellhomx marka li saret bil-kunsens tal-kumpannija attriċi u lanqas jidher li ġew manufatturati bil-kunsens tagħha, u dan għall-finijiet tal-artikolu 3 tal-imsemmi Att;

c) li d-dħul tal-imsemmija oġġetti huwa projbit, ladarba jikser il-jeddijiet tal-kumpannija attriċi;

d) jidher li l-kumpannija attriċi wettqet ukoll l-obbligi tagħha dwar tagħrif mogħti lill-awtoritajiet kompetenti f'Malta għall-finijiet tal-artikolu 5 tal-Att;

e) it-talba tal-kumpannija attriċi biex il-konsenja ta' oġġetti in kwestjoni tiġi meqruda hija waħda mill-effetti li l-liġi[8] taħseb għalihom dwar id-dħul f'Malta ta' ħwejjeġ falsifikati li jiksru l-jeddijiet ta' proprjeta' intellettwali ta' xi persuna, kif imfissra fl-artikolu 2 tal-Att; u

---

[8] Art. 8(1)(a) tal-Kap 414

f) il-falsita' tal-imsemmija ħwejjeġ tinsab ippruvata fi grad tekniku biżżejjed, u ammissibbli fil-liġi, li l-Qorti ma tħossx il-ħtieġa li taħtar espert biex jagħmel kostatazzjonijiet oħrajn, mingħajr ma tkun qegħda b'hekk iżżid l-ispejjeż inutilment;

Illi għalhekk il-Qorti ssib li l-attur *nomine* wera tajjeb biżżejjed li l-kumpannija attriċi kellha raġun temmen li ż-żraben li ddaħħlu f'Malta kif fuq ingħad kienu jiksru l-jeddijiet intellettwali tagħha kif imħarsin minn qabel mill-awtoritajiet Maltin, u li l-ħelsien tagħhom mill-Kontrollur tad-Dwana jkun ifisser telf finanzjarju kbir li ma jkunx ħafif għaliha li tagħmel tajjeb għalih jekk mhux biż-żamma għal dejjem tagħhom jew bil-qerda tagħhom, ukoll jekk kien maħsub li l-aħħar destinazzjoni kienet sejra tkun f'pajjiż ieħor barra minn Malta;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi** u tiddikjara li l-oġġetti maqbudin u miżmuma mill-Kontrollur tad-Dwana, konsistenti fi żraben kienu foloz għall-finijiet u effetti kollha tal-Att VIII tal-2000, u senjatament għaliex jiksru drittijiet vestiti tal-kumpannija attriċi skond id-dispożizzjonijiet tal-Kap 416 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jipproċedi għall-prattiki kollha meħtieġa, inklużi l-għoti minnu ta' kull direttiva lilu mogħtija b'setgħa mil-liġi, għall-qerda tal-kunsinna tal-oġġetti foloz fuq imsemmija, u dan sa mhux aktar tard minn xahar kalendarju minn dak inhar li jiġi notifikat, a kariku tal-kumpannija attriċi, b'kopja awtentikata ta' din is-sentenza;

**Tordna** li sa mhux iżjed tard minn ħmistax-il (15) jum tax-xogħol minn dak inhar li l-ordni tal-Qorti għall-qerda tal-oġġetti titwettaq, il-Kontrollur tad-Dwana jdaħħal Nota fl-atti ta' din il-kawża li biha jgħarraf lill-Qorti bl-eżekuzzjoni tal-ordni tal-qerda mogħtija b'din is-sentenza, jew, fin-nuqqas, ir-raġunijiet għaliex l-ordni ma tkunx twettqet; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża kif mitluba mill-attur *nomine.*

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------